ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 18 IT-TNEJN 8 TA' AWWISSU 2016**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 8 ta' Awwissu 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI (GĦAXAR Kunsilliera)

Rosianne Cutajar, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi (attenda fis-6.50pm), Jerome Caruana Cilia, Renald Falzon, Robert Reno Cremona, Josef Aquilina, Martina Brancaleone, Marvin Zammit u Antoine Saliba Haig. L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ infurmana li ma setax jattendi minħabba li kellu impenji ta' studju.

Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina infurma lis-Segretarju Eżekuttiv li ma setax jattendi minħabba impenjin oħrajn. Il-Kunsill aċċetta r-raġunijiet tal-Viċi-Sindku u għaldaqstant ġie skużat.

## TALBA

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** xtaqet tifraħ pubblikament lill-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ minkejja ma kienx preżenti għas-suċċess li kiseb bir-rebħ tal-OGAE Eurovision Song Contest f'Berlin. Is-Sindku Rosianne Cutajar kompliet li ma setax jonqos ukoll li tawgura lill-Michela Deguara, tifla minn Ħal Qormi dwar rebħ ta' konkors mużikali fuq livell internazzjonali, kif ukoll lit-tim tal-Under 10 tal-Qormi FC Nursery. **Il-Kunsillier Renald Falzon** semma wkoll li l-Ghaqda Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti Qormi rebħu wkoll l-ewwel sparatura nazzjonali u għaldaqstant is-Sindku Rosianne Cutajar ferħitilhom ukoll għal dan l-unur.

**18/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 17**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 17 li nżammet nhar it-Tnejn 4 ta' Lulju 2016, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Dr. Antoine Saliba Haig issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 17 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**18/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**18/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li beda x-xogħol fuq it-tisbiħ ta' Triq San Pietru billi beda x-xogħol ta' bdil ta' servizzi. Ix-xogħol għandu jkompli bil-pavimentar *(concrete imprint)* tat-triq u ta' dawk l-isqaqin li kienu għadhom ma sarilhomx wiċċ ġdid. Is-Sindku fakkret li dan huwa proġett iffinanzjat mill-fondi tal-*Urban Improvement Fund.*

**18/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** spjegat li wara li saret il-laqgħa mal-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri, il-Kunsill kien għadu qed jistenna tweġiba dwar jekk jaċċettawx li jirrinunzjaw għat-titlu tal-Mitħna tar-Riħ biex din tgħaddi lill-Kunsill Lokali sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika għall-fondi għar-restawr tagħha. Peress li l-Kunsill kien għadu bla risposta, il-Kunsill iddeċieda li jagħti ċans sal-laqgħa li jmiss u f'każ li ma jkollux tweġiba l-Kunsill jipproċedi mad-Dipartiment tal-Artijiet.

**18/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li wara li l-Kunsill aġġudika l-offerta, fil-ġranet li għaddew sar il-kuntratt tal-kiri tal-gabbana fi Vjal de La Cruz, fejn il-kirja se tibda mill-1 ta' Settembru.

**18/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li ġejna avviċinati mill-koorindaturi tal-Iskola Sajf San Ġorġ u San Bastjan, sabiex jiġu organizzati attivitajiet konġunti. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lis-Segretarju Eżekuttiv tgħaddi d-dettalji lill-Kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni sabiex jikkordina magħhom.

**18/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lill-Kunsillier Josef Azzopardi sabiex jagħti d-dettalji dwar l-attivita' soċjali tal-Kunsill. Il-Kunsillier Josef Aquilina spjega li se jsir **End of Summer BBQ** fis-16 ta' Settembru 2016 fejn ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex jippromwovu din l-attivita' kif ukoll sabiex jattendu huma wkoll.

**18/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti d-dettalji dwar ix-xogħol ta' manutenzjoni li qed isir fil-bini tal-Kunsill. **Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** spjega li bħalissa jinsab għaddej xogħol ta' żebgħa tal-uffiċċini tal-Kunsill mill-ħaddiema assenjati mar-Reġjun Nofsinhar li ġentilment offrew is-servizzi tagħhom lill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega li se jkun qed isir tisbiħ fil-*front office* u ppropona biex jinxtara *TV Screen* għal *waiting area* tal-*Front Office* u ieħor għall-uffiċċju tas-Sindku biex fil-laqgħat tal-Kunsill wieħed ikun jista' jara d-dokumenti tal-laqgħa fuq dan l-iscreen minflok ma jsiru ħafna fotokopji ta' karti. Il-Kunsill approva *nem.con*.

**18/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ikkumentat li mhijiex kuntenta bis-servizz ta' knis mill-kumpanija *Progressive Solutions Ltd* fejn qed ikun hemm ħafna ilmenti ripetuti. Għaldaqstant, hija ipproponiet li tinħareġ default notice dwar każ minnhom fejn Triq Nikol Baldacchino u Triq Dun Marcel Attard Vagnolo fil-ġimgħa qabel it-2 ta' Awwissu. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex tinħareġ din id-default notice.

**18/02/08** **F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda l-Kunsillier Bjorn Azzopardi**

**18/02/09** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li se ssir ċerimonja sabiex tinawgura ir-rinnovament tal-kollezzjoni tal-kotba fil-librerija ta' San Ġorġ fis-26 ta' Awwissu fil-10.00am fejn l-Kunsilliera huma mistiedna u mħeġġa li jattendu.

**18/02/10** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li inbeda l-programm ta' tindif tal-culverts mill-kuntratturi tal-knis skont il-kuntratt. Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi xtaq jiġbed l-attenzjoni sabiex il-Kunsill ifakkar lill-Gvern Ċentrali sabiex jagħmel it-tindif tal-culverts li jaqgħu taħt il-kompetenza tiegħu bħal Triq l-Imdina, kif ukoll dwar il-bżonn li jsir it-tindif ta' Wied iċ-Ċawsli u tal-mina ta' taħt Triq il-Wied.

**18/02/11** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lill-Kunsillier Marvin Zammit jagħti dettalji dwar il-laqgħa li kien hemm dwar il-programm ta' fondi taħt il-LEADER. Il-Kunsillier Marvin

Zammit spjega li l-ammont ta' fondi huwa ferm anqas minn tal-programm ta' qablu, u li f'każ li l-Kunsill għandu xi proposta għandu jressaqha malajr qabel ma jiġu fformulati l-miżuri applikabbli taħt dan il-programm. **Fuq proposta tal-Kunsillier Bjorn Azzopardi**, il-Kunsill qabel li jibgħat il-proposta dwar ir-restawr tas-Saliba tad-Dejma li hemm f'tal-Ħandaq li hija żona rurali.

**18/02/12** Is-Sindku Rosianne Cutajar infurmat lill-Kunsill dwar l-istedina biex il-Kunsill Lokali jipparteċipa fil-Kompetizzjoni fil-European Mobility Week fejn fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill kellu jevalwa l-proposti ta' City Cab u ta' Skema ta' Sussidjar ta' xiri ta' Roti. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** sostniet li wara li ltaqgħet mal-esperti fi ħdan l-uffiċċju tal-perit tal-Kunsill, William Lewis, dawn iż-żewġ proposti ma' kienux b'saħħithom peress li neqsin minn innovazzjoni u minħabba problemi legali fit-tħaddim tagħhom. Għaldaqstant, **is-Sindku Rosianne Cutajar** kompliet tispjega li l-Kunsill se jkun qed jipproponi pilot project ta' *Parking Availability Sensors* li huwa proġett innovattiv għall-gżejjer maltin. Il-Kunsil qabel unanimament.

**18/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' LULJU 2016**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Lulju 2016, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Lulju 2016
**b)** *Bank Payments* Lulju 2016
**c)** *Petty Cash* Lulju 2016

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** issekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**18/04 MOZZJONIJIET**

**18/04/01 MOZZJONI 38/2016 (VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*"Bħala tkomplija tal-proġett ta' bdil ta' bankini, nipproponi biex Triq Spiteri Freemond u t-toroq li jagħmlu magħha (kif indikati fis-site plan annessa ma' din il-mozzjoni) jsiru bħal kumplament tal-bankini fl-istess żona (Triq San Bastjan/Triq San Bartolomew) sabiex ikollna lokalita' aktar attraenti u aktar aċċessibbli.*

*Nipproponi biex il-Kunsill japprova dan il-proġett li jlaħħaq l-istima (annessa ma' din il-mozzjoni) ta' Eur65,000 u jressaq talba lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jintużaw il-fondi mill-Urban Imrpovement Fund."*

**DOK 'B'**

**Il-Kunsilliera kollha** ssekondaw din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** il-mozzjoni nru 38/2016 fejn il-Kunsil għandu japplika għall-fondi taħt l-Urban Improvement Fund sabiex jitwettaq dan il-proġett.

**18/04/02** **MOZZJONI 39/2016 (VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Peress li l-Kunsill Lokali għandu l-għan prinċipali li jsebbaħ il-pjazez u jagħmilhom aktar attraenti u aċċessibbli, u*

*Peress li l-pjazza ta' quddiem il-Knisja z-Zghira ta' San Sebastjan jixriqilha li tiġi msebbħa anke wara x-xogħol ta' restawr li sar fil-faċċata tal-istess Knisja,*

*Nipproponi biex il-Kunsill japprova id-disinn anness ma' din il-mozzjoni li għandu jiġi aġġornat kif maqbul fil-laqgħa tal-Kunsill, biex jsir pavimentar fil-pjazza wara li jinkisbu l-permessi mill-Awtorita' tal-Ippjanar u wara li jkunu disponibbli fondi mill-Urban Improvement Fund.*

**DOK 'C'**

**Fid-diskussjoni kien hemm qbil biex iż-żona indikata titnaqqas fejn l-pavimentar għandu jasal sa' mal-Knisja**

**ż-Żgħira ta' San Sebastjan u għaldaqstant saret addenda kif indikata bl-aħmar hawn fuq.**

**Il-Kunsilliera kollha** ssekondaw din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** il-mozzjoni nru 39/2016 fejn il-perit iżda għandu jaġġorna d-disinn kif spjegat aktar 'il fuq.

**18/05 RAPPORTI**

**18/05/01 APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT April-June 2016**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq il-Quarterly Financial Report għall-perjodu bejn April u Ġunju 2016. **Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** spjega li l-Kunsill qed jimxi mal-estimi fejn il-Financial Situation Indicator għal dan il-perjodu huwa ta' 34.44% u ta' 23.25% għall-perjodu Jannar – Ġunju 2016.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex jiġi approvat l-Quarterly Financial Report Apr-June 2016.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni u għaldaqstant il-Quarterly Financial Report ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.**

**DOK 'D'**

**18/05/02 APPROVAZZJONI TAL- BYE-LAWS DWAR ATTIVITAJIET FIL-PJAZZA QUDDIEM IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦLAS**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq għall-approvazzjoni l-Bye-Laws dwar attivitajiet fil-pjazza ta' quddiem is-santwarju tal-Madonna tal-Ħlas. **Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** spjega

li wara li l-abbozz kien ġie approvat fil-laqgħa preċedenti kien jeħtieġ li dawn jiġu approvati mill-Kunsill wara li saru l-avviżi fuq il-gazzetti kif mitlub bil-liġi. Huwa fakkar li permezz ta' dawn il-Bye-Laws il-Kunsill se jkun jista' jitlob ħlas biex isiru attivitajiet f'din il-pjazza.

**DOK 'E'**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex jiġu approvati dawn il-Bye-Laws ħalli jkunu jistgħu jintbagħtu għall-approvazzjoni tal-Ministru.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni u għaldaqstant dawn il-bye-laws huma approvati u jistgħu jiġu pproposti lill-Ministru għall-approvazzjoni.**

**18/06 KORRISPONDENZA**

**18/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar:

**DOK 'F 1-8'**

1. Dwar korrispondenza minn resident fi Triq San Sebastjan/Triq San Bastjan dwar diversi punti relatati ma' nuqqas ta' ndafa, nuqqas ta' aċċessibilita' fuq il-bankina, kif ukoll dwar problema ta' sewqan eċċessiv u perikoluż fiż-żona. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa mal-Pulizija dwar il-problema relatati ma' infurzar, filwaqt li l-Kunsill għandu jirranġa r-rampa msemmija fl-ittra. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** sostniet li l-proġett li għadu kif ġie approvat f'din il-laqgħa għandu jindirizza l-problema ta' sewqan eċċessiv iżda peress li dan il-proġett jista' jieħu ż-żmien hija se tkun qed tistenna li tirċievi petizzjoni mir-residenti ta' din iż-żona sabiex il-Kunsill ikun jista' jevalwa t-talba tagħhom. Il-Kunsill qabel *nem.con*.

2. Ittra minn mid-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali dwar problema ta' ħamiem fi Triq id-Deheb Fin, sabiex il-Kunsill jipprovdi servizz ta' Pulizija extra ħalli jakkumpanja uffiċjali mid-Dipartiment tagħhom li jisparaw fuq il-ħamiem. Is-Sindku Rosianne Cutajar sostniet li l-Kunsill mhux talli m'għandux jipprovdi Pulizija iżda għandu

joġġezzjona bil-qawwa kontra din l-azzjoni li hija moħqrija. Il-Kunsill qabel unanimament mas-Sindku.

3. Ittra mid-Dipartiment tal-Agrikoltura dwar Ġnien l-Armier fejn saqsew lill-Kunsill jekk huwiex interessat li jieħu d-devoluzzjoni ta' dan il-ġnien. Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet mozzjoni li tgħid: "Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi għandu jitlob id-devoluzzjoni ta' Ġnien l-Armier sabiex il-Kunsill ikun jista' jamministrah aħjar ." Il-Kunsillier Josef Aquilina issekonda l-mozzjoni. Ittieħed vot, fejn il-Kunsill qabel b'mod unanimu favur din il-mozzjoni.

4. Ittra minn resident li kellu incident fejn waqa' fuq bankina fi Triq il-Wied peress li kien hemm ħadida sporġuta l-barra. Il-Kunsill Lokali qabel li għandu jħallas l-ispiża tan-nuċċali u l-ispejjeż mediċi dovuti a kawża ta' dan l-inċident, liema spiża m'għandhiex taqbeż il-Eur126.

5. Ittra mill-Kummissarju għat-Tfal dwar Jum Dinji tat-Tfal li jiġi ċċelebrat fil-20 ta' Novembru 2016, il-Kunsill qabel li jipparteċipa fejn il-Kunsilliera Bjorn Azzopardi u Jerome Caruana Cilia se jieħdu ħsieb il-programm u l-organizazzjoni tal-attivitajiet li se jiġu organizzati.

6. Ittra minn Transport Malta fejn talbet lill-Kunsill Lokali jipproponi fejn jistgħu isiru Electric Vehicles Charging Points. Il-Kunsill qabel unanimament biex dawn isiru f'Ta' Farzina u fi Triq l-Iljun.

7. Ittra minn TCTC sabiex isiru korsijiet tal-ECDL miċ-ċentru ta' San Sebastjan. Il-Kunsill qabel *nem.con*.

8. Dwar korrispondenza mill-Ministeru tat-Turiżmu dwar tisbiħ tal-latrini pubbliċi fil-lokalita', il-Kunsill qabel unanimament biex il-Kunsill jagħti l-permess ħalli dawn il-latrini jgħaddu taħt ir-responsabblita' tal-Fondazzjoni għal-Iżvilupp taż-żoni turistiċi, iżda dan jkun jista' jsir wara li jagħlaq il-kuntratt li l-Kunsill għandu mal-kuntratturi taż-żamma tal-latrini.

9. Dwar il-korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-EloGE *(European Label of Governance Excellence),* is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera sabiex jimlew il-kwestjonarju u spjega li bħalissa jinsab għaddej is-servej mar-residenti qriema, liema riżultati se jitressqu fis-seduta li jmiss.

10. Dwar ittra mis-Segretarju Eżekuttiv lis-Sindku fejn infurmaha li "Skont l-artikolu 18 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, jien obbligat sabiex ninfurmak dwar kunsilliera li jkunu naqqsu milli jattendu ghall-aktar minn terz tal-

laqghat tal-Kunsill fi zmien sitt xhur. Fid-dawl ta’ dan, ninfurmak li l-kunsillier Antoine Saliba Haig naqas milli jattendi, ghalkemm skuzat minhabba impenji ta’ xoghol jew safar, ghal aktar minn terz tal-laqghat fi zmien sitt xhur kif stipulat fil-ligi.” Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet mozzjoni li dan in-nuqqas ta’ attendenza kien dovut ghal ragunijiet gustifikati minħabba xogħol. Il-Kunsilliera kollha issekondaw din il-mozzjoni u wara li ttieħed vot, il-Kunsill approva l-mozzjoni b’mod unanimu. Għaldaqstant, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jinforma lill-Ministru fejn għandu jiġi ddikjarat li l-post m’għandux jitqies bħala vakanti.

11. Dwar abbozz ta’ ftehim mibgħut mid-District Operation Ltd, is-Segretarju Eżekuttiv spjega li wara li l-Kunsill kien approva li jagħti f’forma ta’ allowance lill-żewġ ħaddiema li jaqgħu taħt din l-kumpanija, din il-kumpanija ma kenitx aċċettat. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega li din il-kumpanija minflok qed tipproponi li jkun hemm performance bonus imħallas mill-Kunsill lill-ħaddiema taħghom assenjati mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jivverifika dwar l-legalita’ ta’ dan il-ftehim u dwar jekk din il-kumpanija tistax tirrifjuta li l-Kunsill jagħti inċentiv lil xi ħaddiem partikolari, kif ukoll jekk din il-kumpanija tistax tiċċarġja administration fee u VAT f’każ ta’ sahra.

12. Dwar ittra mill-Għaqda Soċjo-Mużikali Aniċi, fejn infurmaw illi l-Kunċert Annwali taħt il-Patroċinju tar-Rispettabli Sinku, li l-Banda tagħhom hi obligata tagħmel fis-sena 2017 kif stipulat fil-Kuntratt ta’ bejn il-Kunsill Lokali, u l-Baned Qormin, qiegħed jiġi ppjanat li jsir is-Sibt 14 ta’ Jannar 2017. Il-Kunsill approva *nem.con.*

**18/07 INFORMAZZJONI**

**18/07/01** **Il-Kunsillier Ralph Puli** xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-permess li għandu kif ingħata sabiex issir binja High Rise fl-Imrieħel. Is-Sindku Rosianne Cutajar wieġbet li l-Kunsill kien għamel is-sottomissjonijiet tiegħu partikolarment fuq problema ta’ traffiku li se jkun qed jiġġenera dan il-proġett, minkejja li dan il-proġett mhuwiex fil-konfini ta’ Ħal Qormi. Is-Sindku komplet li fil-fatt l-Kunsill kien ġie infurmat li ma kellux dritt li jkun fuq il-bord ladarba dan il-proġett jinsab f’konfini ta’ lokalita’ oħra. Il-Kunsillier Ralph Puli sostna ladarba issa nħareġ il-permess, il-Kunsill għandu jagħmel pressjoni mal-awtoritajiet biex il-kundizzjonijiet fil-permess jinżammu mill-iżviluppatur u barraminnhekk il-Kunsill għandu jagħmel pressjoni ma’ Transport Malta biex jittieħdu miżuri għall-impatt li se jkun hemm fuq it-traffiku. Is-Sindku Rosianne Cutajar qalet li se

tiltaqa’ mal-iżviluppatur fejn se jisħaq biex il-lokalita’ ta’ Ħal Qormi tkun kompensata għal dan l-impatt li jista’ jitħalla ħalli tiġi ssalvagwardjata l-kwalita’ ta’ ħajja tar-residenti qriema.

**18/08 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar aġġornat il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 12 ta' Settembru 2016 fis-6.30 ta’ filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:35 ta’ filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ...................................... 2016.